LINO FERRIS

**" IL QASSIS -IL-BIERAH, IL-LUM U GHADA. "**

GABRA TA' KITBA F'GHELUQ IL-HAMSIN SENA LI C.FENECH S.D.B. ILU JQADDES

JIEHDU SEHEM:-

QASSIS........
MISSIER.......
AVUKAT.........
ATTUR.........
STUDENT.......
GHALLIEM......
HADDIEM.......
SAKRANAZZ.....
ILTIM.........
SKRIVAN.......
VUCI...........
IL-QASSIS FIL FOND...

---

VUCI:- Il-qassis, il-bierah, il-lum u ghada.
Il-qassis huwa bniedem, bhali u bhalek habib.
forsi xi whud jistennew hafna, u ghandhom ragun!
Izda wiehed ghandu jahseb, jifhem u jissokta jitkellem.
Dan il-bniedem ta hajtu fl-aqwa tieghu.
Fiz-zoghzija nesa' kollox u beda' l-glieda.
Dik il-glieda li kellu jisielet tul- hajtu.
Wiehed ghandu jifhem li dan il-habib taghna
ma tghax hajtu ta' xejn.
Izda darba kull tant, forsi f'qalbu,wahdu,
bejn l-erba hitan ta' kamartu, jghid:-

QASSIS: Il-lejla Mulej, jien ninsab wahdi.
Wara li l-knisja tbatlet, waqa' skiet.
Sellimt lil shabi w ngbart f'kamarti.
Mulej, ninsab wahdi.....
Intqajt ma nies gejjin lura mill harga,
Ohrajn jidhqu jitkellmu u jidbelhu!
Rajt l-gharajjes id f'id, jinhabbu.
X Rajt it-tfal jilghabu fil-gonna w laghabt maghhom.
Tfal Mulej; - It-tfal ta haddiehor!
U jien ninsab wahdi, bejn l-erba hitan ta kamarti.

Enter BOYS RUNNING!
NOEL : TO KISS
KARL : FR.B HANDS

VUCI: Izda mhux il-qassis biss, hafna drabi jinsab wahdu....
Hawn ohrajn kull fejn thares u jdur,..wahedhom!

MISSIER: Bhali. Bhali habib. Jien ninsab wahdi.
Sigaret wara l-iehor, bil-purtelli mbexqin.
Ilqajtek go dari, b'dhahen mdawrin.
Sibtni wahdi, mitluq u mifxul.
Marti kienet telqitni jumejn qabel.
Kien hemm il-vojt f'qalbi....
Kien hemm in-nuqqas fid-dar....
Nhares madwari, lejn il-mera' -tikmix fuq wicci.
Nistaqsi, nixtieq nifhem il-ghaliex.
*Tlett it-tfal mbekmin, mdendlin
jistaqsuni x(kien gara' -Twegiba ma kelliex.
Il-fjuri mitbiela fuq mejda fil-genb.
Il-lozzor mkemxa, mghafgin, plati fuq xulxin
kont ta xejn...
Ninsab wahdi filwaqt li nistaqsi ghaliex u ghalfejn?
Il-qassis habib tieghi niftakar kien qalli.
Mhux facli, ibni li thobb.
Meta hafna drabi tahseb li thobb,
tkun qieghad thobb lilek nnifsek.
Ghaliex biex thobb trid tilqa u taghti.
Biex thobb trid tinsa, trid toffri lilek nnifsek.
Ghaliex ibni, l-mhabba taf twegga.

Enter KARL ANDRE MARK

*QASSIS: Bilkemm ma nghidlekx li qabisli d-dmugh Mulej
Meta rajt lil-siehbi mitluq u miblugh.
Ghalhekk nitolbok ghalih u ghaliha
u ghal dak u ghal iehor,
ghal uliedhom u ghal qrabathom.
Ghal girien li jpaccpu, ghal shabhom li jiflu minghajr
ma jiznu

NOEL FACES CHRIST.

MISSIER: Niftakar habib dik-l-ghodwa
Meta marti ghandi giet titlob mahfra.
U l-ghaxqa tieghu, resaqna flimkien,
u jien lqajtha mill-gdied b'tghaniqa.
Ghaliex il-qassis jaf jifhem, jaf jizzen.
Ghaliex il-qassis huwa habib taghna.

EXIT NOEL

VUCI: Li kieku nistaw nifhmu tassew kemm gharaq u dmugh
dik il-karta ta ghaxar liri tista ssarraf.
Tant tista taghmel gid u daqs tant ieher deni.

AVUKAT: Bil-qereq tieghi hlist bniedem hati.
Taghni flus kemm jesa' gildi....
Flus li huwa seraq minn ghand siehbu.
Jiena avukat u bid-donn ta' kliemi
rnexxili nghawweg id-dritt,
inqarraq bil-haqq. Laghabt bil-kliem,
u qlajt minn zniedi. Sabiex il-hati nehilsu
mit-triq tal-haqq......
U issa ghandi l-flus f'idejja.....
Dawn il-flusibghazawni, ghaliex imcappsin
bil-gharaq u demm.
Din il-karta nhossha tqila, nistmerrha.

Enter X Noel

QASSIS: Nistqarr li ghandi l-vot tal-faqqar...
Kull ma jkolli jghidu li ghandi nqassmu....
xejn ma huwa tieghi, rrid naqsam ma shabi.

AVUKAT: Dawn il-flus ghaddew minn id ghal ohra...
Meta gejt ghandek hassejtni tqil,
hassejt il-ghajb, imma meta ftaht qalbi mieghek,
ghallimtni u ghidtli;
Habib, mur zur dak il-marid f'qieh ta soda.
Jiehu gost b'kull ma tohodlu.
Mur itma dik il-familja bil-guh. Ghandhom bzonnok.
Kont ghidtli biex nhallas il-kont tat-tabib ta dak il-fqajjar,
Biex mmur ngieb id-dahq u l-hena fejn hemm in-nieket u l-mard.
Kelli bzonnok u sibtek habib. Ghandek ragun missier.
Dawn il-flus huma muti u siekta. Jiswew ghad-deni u ghal-gid.
Inqast missier - izda kliemek kien ta farrag.

Saviour X
goes to confession.

ATTUR: Jiena attur, bniedem mibjugh.
Ntqajt mal-qassis ghodwa wahda
meta kelli nhares lejn il-hajja kif inhi.
Il-qassis ghandu kelma tajba ghal kulhadd.
Kemm ghalija attur, kemm ghal pittur u l-iskultur.

Iltqajt mieghu meta r-rih beda jonfoh
fis-sigar gholjin tac-cipress.
Wiehed wara l-iehor kulhadd sellimli
kulhadd hallini, bqajt wahdi ma hsibijiti.
Jumejn qabel, kien mietli ibni - bil-kemm disa' snin.
Id-dahqa hafna drabi mqansha ta' attur li jien
ghebbet minn fuq fommi.
F'ghajneja kien jidher d-dmugh ta dwejjaq.
Nieket bla tarf. Tlabt biex nibqa wahdi fuq qabartu,
nahseb fl-mghoddi....meta ntqajt ma marti, t-twelid ta ibni.
Imma issa kollox ntemm....hassejtni mitluf,
sakemm smajt lehen ta qalb tajba.....

QASSIS: Tahseb li issa kollox ntemm ibni?
Ghalih kienet l-ahhar prova......

ATTUR: F'Ghanejh rajt il-hniena....kien qalli l-ahhar prova
bhal meta fuq il-palk b'roghda fuq saqajk
tkun ser tidher ghal l-ewwel darba.
Niftakar kien qalli b kliem meqjus li nifhmu:
Issa ibni, ntemmu l-provi tal-palk - il-hajja.
Nfethet l-ewwel pagna ta dramm mill-isbah.........

<u>FLIMKIEN</u> Kun imbierek IBNI...!

Noel goes to
Manuel and walk together

VUCI: Iz-zoghzoja huwa l-isbah zmien tal-bniedem.
Meta Alla jsejjah liz-zaghzugh, fih ihoss
gibda ta mhabba li rrid jaqsam ma hadd iehor.
Ikollu bzonn l-ghajnuna biex jifhem....
Iz-zaghzugh hafna drabi jiftah qalbu mal-qassis.
J'Alla fih issib dak il-habib li jifhmu....

STUDENT: Qieghad nhoss bhal toqol fuq sidri.
Irrid nahrab, nixtieq nigri, izda ghalxejn.
Ghal kemm kull fil-ghaxija ningabar f'kamarti
filwaqt li fil-hemda tal-lejl, nisma l-karba ta qalbi.
Kont nhobb mulej, ghandi bzonn naqsam kull ma ghandi.
Il-ghafsa ta spalliejja u t-taghniqa ta'idejja fil-vojt.
Mhabbti telqitni. Issuktajt nhobb u swieli ta deni.
Nghejx u mghandiex ma minn naqsam l-frott ta idejja!
Qaluli biex nieqaf u nifli hsiebijieti.
Nara fejn nqast u nibda mill-gdied.
Qaluli biex nistenna ghaliex mhabbti gejja.
Ghad tarfu lil xulxin.
Qaluli li hi nholqot ghalija u jien ghalija.
Qaluli li qalbha hija tieghi u qalbi hija taghha.

QASSIS: Kemm qalulek hwejjeg tal-ghageb habib
U minn qallek hekk - hu dejjem liebes l-iswed.
Lest biex ifarrag lil kulhadd;
U jien nissokta nghidlejk:

STUDENT: Biex nerfa lili nnifsi ghaliha,
U hi terfa lilha nnisha ghal mhabbti.
Ma nitlobx mahfra ta ghemilli, ghax l-imhabba hi kbira.
Ghad narfu lil xulxin maz-zmien.
Ghad nifhmu lil xulxin matul is-snin.
Bizejjed b'taghniqa, b'ghafsa b'harsa...

X Pene salakes BR. Noel

VUCI: IZDA L)QASSIS, dejjem ihoss ruhhu wahdu u jitlob
fis-skiet ta kamartu:

QASSIS: Mulej, ghejni biex ninsa lili nnifsi ghal ohrajn, ghal huti.
Meta nghati lili nnifsi lil ohrajn, nghallem tassew

FLIMKIEN: L-IMHABBA.

VUCI: Il-qassis mhux l-ewwel darba li jigi mghajjar.
ghaliex ghemillu huma meqjusa minn bosta.
Ghodwa wahda, kif radd is-salib qalulu:

GHALIEM:

Smajtek ghodwa wahda titkellem il-vangelu.
Ghal l-ewwel bezghajtni, bikimtni izda dahaqtni.
Ghaliex rajt x'whud jirtghodu,ohrajn jonfhu,
x'whud jitbissmu u ohrajn jisgholu!
Rajtek b'coqqa sewda tokrob l-ghal‡,
tghajjat u thanbaq il-paci, mhabba u sliem.
Ghemini dahaqtni...dahaqtni u nghidlek ghaliex.
Tkellimt f'isem Alla, il-haqq u l-gustizzja.
Taf li hawn nies fqar, bla djar u bil-guh.
Taf li hawn nies jigieldu jissieltu u joqtlu.
Taf li hawn ohrajn boloh, habsin u mmankati.
Is-sinjur jahqar lil haddiem,
u l-haddiem jisraq lis-sinjur.
L-abjad joqtol l-iswed, u l-iswed jobghod l-abjad.
Il-kattoliku, l-ortodos,protestant, buddist,mawmettan,
kollha b'Alla taghhom.
L-indjan, ir-russu u l-amerikan.
Ir-revolizzjonarju, l-ekkonomiku - l-gustizja!
l-ideljalist....INT U JIEN.
Kulhadd ghandu ragun....kulhadd ta rasu.
U int b'dik ic-coqqa sewda minghalik ha tidrietha
l-mghawweg ssewwi l-mfarrak!

QASSIS: Ghandek ragun habib, ghaliex hafna drabi
ghemilli zghar hadthom b'opri tal-ghageb.
Hsibt li l-hanqa tieghi qeghda tinstemma.
Ghandek ragun habib,.Izda nitolbok,
thalliniex nieqaf mill-ghajta tieghi.
Hallini nisokta nitkellem -
Minghalik fil-vojt....imma forsi ghal x'whud......

Noel Str. down and boys tease him -

IL-HADDIEM: Alla hares kollox ikrah habib,
Alla hares kollox mghawweg u mfarrak!
Jiena haddiem bhal bosta.
Naqla l-ghexien u nitma lil uliedi.
Grazzi Mulej, grazzi ta kollox.
Tar-raqda li tajtni, tal-holma li kelli.
Ta sahti, u tal-ilma frisk li qajjimni
u s-sapun li hassilni.
Grazzi ta hwejgi u ta dari, s-saqaf li kennieni.
In-nifs hieles ta filghodu; tal-gazetta,
tal-halib bnien, tal-kisra hobz,
u l-kennies li nadafli t-triq.
Grazzi ta xogholi,tal-ghodha li kelli.
Grazzi lil Cikku li taghni l-martell,
lil Karmnu li qabadli sigarett.
Lil Duminku li wasalni x-xoghol.
Grazzi tat-triq li ghamluli,tas-sigar li zrawli,
tal-fjuri jithquli...ic-cajt u d-dahq li qsamt ma shabi.
Il-mixja ma marti, it-taghniqa ta' uliedi.
Grazzi Mulej, grazzi ta Kollox.
It-tisslima ta Gakbu, it-taghlima ta Peppi,
It-tisfira ta Ganni, u l-ghanja ta Pawlu.
Grazzi Mulej ghal kelma tajba ta Dun Karm,
li f'n-niket serhitni....
u mill-gdied ghalghaqt ghajnejja u straht,
ghal jum iehor gdied,
ghaliex jekk ghext il-bierah,
u naf il-lum, nhares b'wicci ghad-dawl ghal ghada.
Jiena l-haddiem, bhal bosta,minn shabi.

SKRIVAN: Jiena haddiem tal-pinna.
Mghallem sewwa, naf naghzel it-tajjeb mill-hazin.
Ghaliex fit-tfuliti trabejt sewwa,
fil-gid u fil-biza t'Alla....
Fit-tfuliti l-Oratorju, nigri fil-bitha ma shabi.
Kull nhar ta Tlieta u Hamis ningabru ghal-kant,
bit-tnejn,tlieta u erba vucijiet!
Fil-hamsa kuljum ghad-dutrina,
Tmien klassijiet, filliri hdejn xulxin.
Il-hadd nigieldu ghal xi loghba tal-ballun,
wara xi laqgha flimkien - kelma ghal gid.
L-Ghaqda tat-tfal 'Dominku Savio'
Nqatghu l-ghaxjiet xitwin........
Fis-sajf nilghabu l-bandiera,kullhadd b'hgaru!
It-tnejn l-laqgha tal-ghalliema.
Is-sibt kulhadd mxammar nnadfu l-kandliri,
minn bl-gharaq ma gbinu, minn jiskartu f'hinu.
Il-gimgha l-ghaxqa taghna -ghal xi storja mill aqwa.
Ghadni nisma l-qanpiena tal-bitha,
u ngib quddiem ghajnejja ir-rokna ghazieza.
Ic-cikkulata li tahsel l-ucuh!
Il-kartiera sewda tohrog mill but,
meta jigi xi tifel gdied, x'jismek, fejn toqghod?
nibqa nahseb fik!
Dan kien zmien tfuliti - ta bilhaqq trabejt sewwa...
Ma nafx nghid le lil siehbi
Ghax hekk tghallimt fit-tfuliti.
Mhux biss ghal firma fuq xoghli,
imma ghall kollox li nghozz, tal-zmienijieti......

SAKRANAZZ:

Kont f'nofs tat-triq; sejjer min naha ghal ohra.
Nghajjat u nkanta, mahmuq bix xorb.
Kulhadd iwarrabni, u jiskartani.
Ftit jieqfu jitbissmu, jitmelhu biha.
Qabduni minn spalejja u tefghawni gewwa;
tawni bis-sieq. Jien nkanta u n-nies jidhqu.

QASSIS: Izda jien thassartu Mulej.
Ghaliex hsiebt f'martu u f'uliedu
jistenew id-dar wahedhom! forsi xi ghajta, glieda!
Hsibt f'ohrajn madwar l-belt,
Hsibt f'uliedhom mbezghajn, bil-bwiet vojta,
fid-daqqiet, fl-ghajjat u l-biki.
Hsibt fit-tfal li jitwieldu f'taghniqa ta sakra!

SAKRANAZZ: Umbaghad l-ghada fil-ghodu qiesu qatt ma kien xejn.
Nisma minn jghidli 'Il-bierah ergajt ~~ghiltha~~ ghamilta Ton! '
U jien wicci fl-art ma nara' lil hadd.
Misthi, mgerrex.....
Kulhadd jiskartani, ~~nwaqqhalu~~ waqqawli wiccu fl-ghajb.
Kulhadd iwarrabni, jien is-skranazz!
Izda l-qassis kien gie fuqi u qalli:
Le habib, meta trid ejja ghoqqod.
Il-bieb tieghi dejjem miftuh.
Nitkellmu flimkien ghal zewg ahwa.
ejja meta trid nmerru lil xulxin,
nqatghu z-zmien, l-ghaxjiet xitwin.
Kemm kien ta sabbar ghalija.
Ghodwa wara l-ohra, jiftakar fija.
sakemm il-vizzju warrabtu,
u sibt triqati, hallejt lil shabi,
ngbart fis-sliem, flimkien mal-familja.

**ILBIM:**

Missieri ma kontx naf min hu.
Miet meta kont biss sitt snin.
Sibt ruhhi wahdi, ma kelli lil hadd.
Ghalkemm ommi staqet tiehu hsiebi,
izda ma setghatx.
Kemm bkejt meta qaluli li ser jkolli ninfired minha!
Kemm bzajt meta sibt ruhhi f'post gdied.
Ma naf lil hadd....
Kont bil-guh u stajt nitlob.
Kont marid u bzajt...Kont ghadni zghir
ma kelliex lil minn naghnaq...ma rridtx nemmen.
Qalbi ma stajt niftah ma hadd!
Izda niftakar meta raghni wahdi, resaq lejha.
Meta raghni mbikkem bid-dmugh f'ghajnejja, kellimni.
Meta kont bil-guh u marid, wennisni.
Niftakar kien qalli,
"Jien qieghad hawn minflok missierek,
Jien qieghad hawn biex nejnek,
nwiznek fil-hajja, inqawilejk qalbek
u ma nhallikx wahdek.
Jien fih sibt missier mill gdied.
ghaliex temghani, ghaliex ferrahni, ghaliex qawwini.

Jien fik sibt dak kollu li tlift.
Ghaliex fejjaqtni,
Ghaliex dahaqtni,
Ghaliex int kabartni u ghamiltni RAGEL.

QASSIS:

Habib, illum nhoss iz-zmien ghaffas fuqi.
M'ghadniex niflah nitla t-tarag tnejn tnejn,
u nigri minn naha ghal ohra tal-bitha.
M'ghadniex mmur dik il-mixja fit-tul.
Sikwiet xi hadd jigi fuqi u jistaqsini,
"M'intiex tarafni?" Nhares lejh u nghid f'qalbi
KIF JGHADDI Z-ZMIEN. Ma jistenna lil hadd.
M'ghadniex nghallem it-tfal jghewmu!
M'ghadniex naghti l-manghati!
Kemm tfal u zaghzagh kellimt maturl is-snin.
Illum hafna minhom missierijiet,
ohrajn msiefrin, xi whud mejtin......
Minn jaf minhom kemm ghadhom jiftakru fit-tfulija taghhom,
f'dik il-kelma tajba, f'dik it-tbezbiza!
Minn jaf minhom kemm nsew lil Alla u warbu t-triq it-tajba.
Minn jaf kemm il-bniedem xtaqt nfarrag u fid-dwejjaq
nqawwi l-qalb.
Min jaf,...min jaf kif ghada z-zmien.
Ghaliex wara kollox forsi zbaljajt.
Ghaliex wara kollox jiena wkoll nqast.
Ghaliex jien fuq kollox bniedem bhal ohrajn.......

GHELUQ:

MISSIER: Jiena nirringrazjak Missier.
Meta sibt ruhhi wahdi, qawwitli qalbi.
Resaqtni mill gdied lejn Marti.

AVUKAT: Illum jien Avukat. Minghalija nifhem hafna.
Trabejt mieghek missier, u kliemek
illum nista nifhem xi jsarraf.

L-ATTUR: Ma ninsa qatt dak il-kliem ta farag.
Meta lil ibni, jien mort tfint.
Sibt ruhhi wahdi quddiem id-dinja,....
Sibt fik habib tassew.

STUDENT: M'ghadniex zaghzugh, mohh ir-rih,
Newden fuq mhabbti.....

L-GHALLIEM: Tiftakar kemm ghajartek?
X'minn ghalik qed taghmel?
Minn tahseb li int.....Kemm kont iblah.

Haddiem: Minn zmien ghal iehor nsellimlek habib.
Grazzi ta kollox li ghamilt ghalija matul iz-zmien.

SKKRANAZZ: Kemm hlejt zmien mieghi.
Ghal l-ewwel kien ta xejn, imma wara...

L-ILTIM: Illum kbirt u sirt ragel.
Missier ta zewg ulied.

L-Iskrivan: Fl-mghoddi zmien tfuliti....
Ghaxqa tieghi go l-Oratorju.....

QASSIS: Illum ninsab ghajjin u miflug, ghaliex bhal
kull bniedem iehor, il-lejl jaqa fuqi u hsibt
fuq dawk kollha li kellimt. It-toroq ftit ftit
bdew jitbadtlu takemm wasalt fil-post tas-skiet.
Il-bieb maghluq fost hemda shiha...kien il-hadd
filwaqt li xema ntift, gharkuptejja nzilt jiena.
B'demghat fuq xfar ghajnejja ghajjiena
Nistaqsi lili nnfisi x'ghamilt, x'kantajt llum jiena.

Rajt kemm hu iebes habib nghidlejk thobb

Meta jiena ma nista nghannaq lil hadd mieghi.
Rajt kemm hu iebes nurik it-triq tal-haqq,
meta ftit huma dawk li jorghuwa lili.
Rajt kemm hu iebes nilghab u nghallem lit-tfal
Meta naf li qatt ma jistaw jkunu tieghi.
Rajt kemm hu iebes nzomm sigriet f'qalbi
meta ma hadd ma nista naqsam l-mrar tieghi.
Kemm hu iebes nahdem b'ruhhi u gismi
~~Kemm~~ meta nara' hazen serq, mibgheda bla waqfien.
Kemm hu iebes habib tieghi tibqa WAHDEK....

WAHDEK quddiem kulhadd.
WAHDEK quddiem id-dinja.
WAHDEK Quddiem il-hazen
WAHDEK quddiem il-mard...
Iva WAHDEK, WAHDEK quddiem id-dnub.

VUCI: Le IBNI M'INTIEX WAHDEK.
JIENA QIEGHAD MIEGHEK.
GHANDI BZONNOK BIEX TFARRAG
GHANDI BZONNOK BIEX TGHALLEM
GHANDI BZONNOK BIEX TURI IT TRIQ
GHANDI BZONNOK BIEX TTAFFI L UGIEH
GHANDI BZONNOK BIEX THOBB ...IVA IBNI BIEX THOBB

KULHADD: U INTI TKUN MAHBUB GHAL DEJJEM.........